PARLAMENT EWROPEW

2004 *2009*

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2008/0047(COD)

10.9.2008

EMENDI
20 - 31

Abbozz ta' rapport
Roberta Angelilli
(PE407.867v01-00)

dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi programm Komunitarju pluriennali dwar il-ħarsien tat-tfal li jużaw l-Internet u t-teknoloġiji l-oħrajn tal-komunikazzjoni

Proposta għal deċiżjoni
(COM(2008)0106 – C6-0092/2008 – 2008/0047(COD))

AM_Com_LegReport

Emenda 20
Renate Weber

Proposta għal deċiżjoni
Premessa 7 a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(7a) Il-programm stabbilit permezz ta' din id-Deċiżjoni għandu jkun immirat lejn il-ħolqien ta' pakkett edukattiv għall-għalliema, għal min jagħti kura u għall-ġenituri li għandu jikkonsisti minn materjal ta' taħriġ (manwali, preżentazzjonijiet video, logħob interattiv, eċċ) u għodod pedagoġiċi (handouts għall-għalliema, portal ta' l-internet għall-eżerċizzji, eċċ) li, peress li huma mfassla għall-ħtiġijiet nazzjonali speċifiċi, għandhom jagħmlu użu, fost l-oħrajn, mill-aħjar prattiki edukattivi tal-Istati Membri differenti u għandhom jinvolvu elementi oħra tal-programm.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-għalliema, dawk li jagħtu kura u l-ġenituri huma dawk għand min it-tfal jistgħu jirrikorru immedjatament għal parir u għalhekk il-programm biex titqajjem kuxjenza dwar l-użu aktar sikur tal-internet għandu jkun immirat lejnhom l-ewwel.

Emenda 21
Ignasi Guardans Cambó

Proposta għal deċiżjoni
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) It-teknoloġiji li qed jevolvu, it-tibdil fil-modi kif l-Internet u t-teknoloġiji l-oħrajn tal-komunikazzjoni jintużaw mill-adulti u mit-tfal, u t-tibdil fl-imġiba soċjetali qed iwasslu għal riskji ġodda għat-tfal. Il-bażi	(8) It-teknoloġiji li qed jevolvu, it-tibdil fil-modi kif l-Internet u t-teknoloġiji l-oħrajn tal-komunikazzjoni jintużaw mill-adulti u mit-tfal, u t-tibdil fl-imġiba soċjetali qed iwasslu għal riskji ġodda għat-tfal. Il-bażi

ta’ l-għarfien li tista’ tintuża sabiex jitfasslu azzjonijiet effiċjenti għandha bżonn tissaħħaħ sabiex dawn it-tibdiliet jinftiehmu aħjar . Ikollhom jiġu kkombinati bosta miżuri b’mod komplementarju u li jinvolvi ħafna aspetti differenti; dan jinkludi per eżempju l-iżvilupp ulterjuri tat-teknoloġiji ta' appoġġ u l-promozzjoni ta’ l-aħjar prattika għall-kodiċijiet tal-kondotta li jinkorporaw kanoni ta’ mġiba li hemm qbil ġenerali dwarhom jew kooperazzjoni ma’ l-industrija dwar għanijiet maqbula.	ta’ l-għarfien li tista’ tintuża sabiex jitfasslu azzjonijiet effiċjenti għandha bżonn tissaħħaħ sabiex dawn it-tibdiliet jinftiehmu aħjar . Ikollhom jiġu kkombinati bosta miżuri b’mod komplementarju u li jinvolvi ħafna aspetti differenti; dan jinkludi per eżempju ***t-teħid ta' miżuri biex jiġi promoss użu sikur u responsabbli tal-Internet,*** l-iżvilupp ulterjuri tat-teknoloġiji ta' appoġġ u l-promozzjoni ta’ l-aħjar prattika għall-kodiċijiet tal-kondotta li jinkorporaw kanoni ta’ mġiba li hemm qbil ġenerali dwarhom jew kooperazzjoni ma’ l-industrija dwar għanijiet maqbula.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Dawk kollha li għandhom sehem fil-qasam għandhom jipparteċipaw biex jiżguraw ambjent tal-Internet sikur u biex jappoġġjaw il-miżuri mmirati għall-ħarsien tal-minorenni.

Emenda 22
Iliana Malinova Iotova

Proposta għal deċiżjoni
Premessa 9 a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(9a) L-Istati Membri kollha rratifikaw u huma firmatarji għall-Konvenzjoni Internazzjonali dwar id-Drittijiet tat-Tfal tal-20 ta' Novembru 1989, skont liema l-Istati huma rikjesti li jadottaw kwalunkwe miżuri nazzjonali, bilaterali u multilaterali li hemm bżonn sabiex tiġi impedita kull forma ta' sfruttament tat-tfal, u sabiex jiġu adottati kwalunkwe miżuri leġiżlattivi, amministrattivi u oħrajn li hemm bżonn għall-iskop tar-rispett tad-drittijiet rikonoxxuti skont il-Konvenzjoni (fejn ikun xieraq permezz ta' koperazzjoni internazzjonali).

Or. fr

Ġustifikazzjoni

Fil-kuntest tal-koperazzjoni internazzjonali, hu importanti li jitfakkru l-impenji li ttieħdu mill-Istati Membri f'dak li għandu x'jaqsam mal-ħarsien tad-drittijiet tat-tfal permezz ta' Konvenzjonijiet internazzjonali, bħal din t'hawn. Dan l-impenn jirrapreżenta għodda fundamentali tal-koperazzjoni internazzjonali.

Emenda 23
Renate Weber

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 1 - paragrafu 1 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Għall-iskop ta' din id-Deċiżjoni, "tfal" għandha tfisser kull persuna taħt it-18-il sena.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Għal dan il-programm, il-kunċett ta' "tfal" għandu jirreferi għal persuni ta' taħt il-15-il sena. Mhux biss għax din l-età hi ġeneralment meqjusa bħala l-età għall-kunsens sesswali, imma fl-istess ħin jista' jiġi nnutat li r-referenzi għall-ħarsien tat-tfal għall-programmi televiżivi u l-films normalment iqisu 15-il sena bħala l-età ta' referenza għall-kategorizzazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet. Peress li fuq l-Internet wieħed jiltaqa' ma' perikli li huma marbuta kemm mal-kunsens sesswali u ma' elementi simili għal dawk li jidhru fil-programmi televiżivi u l-films (eż. vjolenza, lingwaġġ mhux xieraq, sess), wieħed jista' jirrakkomanda l-età ta' 15 għad-definizzjoni ta' tfal f'dan il-każ.

Emenda 24
Renate Weber

Proposta għal deċiżjoni
Anness I - Azzjonijiet - Parti Introduttorja - paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-għan tal-programm huwa li jippromwovi użu aktar sikur ta' l-Internet u tat-teknoloġiji l-oħrajn tal-komunikazzjoni, b'mod partikolari għat-tfal, u li ***jiġu miġġielda*** l-kontenut illegali u l-imġiba dannuża fuq l-internet.	L-għan tal-programm huwa li jippromwovi użu aktar sikur ta' l-Internet u tat-teknoloġiji l-oħrajn tal-komunikazzjoni, b'mod partikolari għat-tfal, u li ***jitnaqqsu*** l-kontenut illegali u l-imġiba dannuża fuq l-internet.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda hi konformi mal-azzjonijiet proposti mill-Kummissjoni fl-Artikolu 1 - paragrafu 2 - subparagrafu 1.

Emenda 25
Iliana Malinova Iotova

Proposta għal deċiżjoni
Anness I - Azzjonijiet - Introduzzjoni - paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-programm għandu l-għan ġenerali li jippromwovi l-użu aktar sikur ta' l-Internet u tat-teknoloġiji l-oħrajn tal-komunkazzjoni (minn hawn 'il quddiem "teknoloġiji online"), speċjalment mit-tfal, jippromwovi l-iżvilupp ta' ambjent sikur fuq l-internet, inaqqas l-ammont ta' kontenut illegali mxerred fuq l-internet, jittratta l-imġiba potenzjalment dannuża fuq l-internet u jiżgura kuxjenza pubblika dwar ir-riskji fuq l-internet u l-prekawzjonijiet.	Il-programm għandu l-għan ġenerali li jippromwovi l-użu aktar sikur ta' l-Internet u tat-teknoloġiji l-oħrajn tal-komunikazzjoni (minn hawn 'il quddiem "teknoloġiji online") speċjalment mit-tfal, jippromwovi l-iżvilupp ta' ambjent sikur fuq l-internet, inaqqas l-ammont ta' kontenut illegali mxerred fuq l-internet, jittratta l-imġiba potenzjalment dannuża fuq l-internet ***(inklużi l-manipulazzjoni psikoloġika tat-tfal bl-intenzjoni ta' abbuż sesswali jew 'grooming', 'harassment' u fajls elettroniċi li juru aggressjoni fiżika u/jew psikoloġika)*** u jiżgura kuxjenza pubblika dwar ir-riskji fuq l-internet u l-prekawzjonijiet, ***u anke biex jiġu***

żviluppati għodod pedagoġiċi fuq il-bażi ta' prattiċi sodi.

Or. fr

Ġustifikazzjoni

Fl-ebda każ m'għandha titħalla barra l-prattika li tikkonsisti fl-iffilmjar tal-agressjoni fiżika u/jew psikoloġika ta' persuna u li potenzjalment hi ta' ħsara għat-tfal. Dawn il-films, li ta' spiss jittieħdu bl-għajnuna ta' mobile, juru atti ta' vjolenza li jistgħu jvarjaw minn fastidju għall-aktar atti gravi ta' vjolenza, pereżempju vjolenza sesswali. Ir-riskju għat-tfal li jaraw fajls ta' dan it-tip hu li jistgħu jitħawdu psikoloġikament. Fl-aħħar nett, il-biċċa l-kbira ta' dan it-tip issir minn tfal, li jkunu raw xbihat bħal dawn u li mbagħad jirriproduċu l-azzjonijiet, mingħajr ma jkunu dejjem konxji tal-uġigħ li qed iwettqu u r-riskji li qed jgħaddu minnhom.

Emenda 26
Ignasi Guardans Cambó

Proposta għal deċiżjoni
Anness I - Azzjonijiet - Sezzjoni 1 - paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. It-tqanqil ta' l-applikazzjoni ta' soluzzjonijiet tekniċi biex jiġu ttrattati b'mod xieraq il-kontenut illegali u l-imġiba dannuża fuq l-internet. L-attivitajiet għandhom iħeġġu l-iżvilupp jew l-adattazzjoni ta' għodod teknoloġiċi effettivi biex jittrattaw b'mod xieraq il-kontenut illegali u l-imġiba dannuża fuq l-internet, għall-użu ġenerali mill-partijiet interessati.	3. It-tqanqil ta' l-applikazzjoni ta' soluzzjonijiet tekniċi biex jiġu ttrattati b'mod xieraq il-kontenut illegali u l-imġiba dannuża fuq l-internet. L-attivitajiet għandhom iħeġġu l-iżvilupp jew l-adattazzjoni ta' għodod teknoloġiċi effettivi biex jittrattaw b'mod xieraq il-kontenut illegali u l-imġiba dannuża fuq l-internet, għall-użu ġenerali mill-partijiet interessati ***u l-promozzjoni mill-operaturi ta' servizzi ta' użu sikur, responsabbli ta' konnessjonijiet sabiex it-tfal jitħarsu kontra attivitajiet illegali u dannużi.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Dawk kollha li għandhom sehem fil-qasam għandhom jipparteċipaw sabiex jiżguraw ambjent tal-internet sikur. Dan hemm bżonnu sabiex il-benefiċċji ta' soċjetà realment tal-għarfien jiġu

implimentati u maqsuma u sabiex it-tfal jitħarsu kontra imġiba illegali u kontenut dannuż. Innuqqas ta' informazzjoni attwali dwar in-natura tal-kontenut iħħowstjat u maqsum fuq xi servizzi hu theddida reali u preżenti għall-ħarsien tal-minorenni. L-utenti tal-internet (it-tfal, imma anke l-ġenituri tagħhom) għandhom ikunu informati dwar dawn ir-riskji - u kull min għandu sehem fil-qasam għandu jsawwar patt għal soċjetà ċivili online responsabbli.

Emenda 27
Francisca Pleguezuelos Aguilar, Javier Moreno Sánchez

Proposta għal deċiżjoni
Anness I - Azzjonijiet - Sezzjoni 1 - paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. It-titjib tal-kooperazzjoni, l-iskambju ta' l-informazzjoni u l-esperjenza fil-ġlieda kontra l-kontenut illegali u l-imġiba dannuża fuq l-internet fuq livell internazzjonali. L-attivitajiet se jimmiraw li jtejbu l-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi, jarmonizzaw il-metodi ta' *trattement* tal-kontenut illegali u l-imġiba dannuża fuq l-internet fuq livell internazzjonali u jħeġġu l-iżvilupp ta' metodi komuni u metodi ta' ħidma.	5. It-titjib tal-kooperazzjoni, l-iskambju ta' l-informazzjoni u l-esperjenza fil-ġlieda kontra l-kontenut illegali u l-imġiba dannuża fuq l-internet fuq livell internazzjonali. L-attivitajiet se jimmiraw li jtejbu l-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi, jarmonizzaw il-metodi ta' *trattament* tal-kontenut illegali u l-imġiba dannuża fuq l-internet fuq livell internazzjonali u jħeġġu l-iżvilupp ***ta'konnessjonijiet koordinattivi bejn il-bażijiet tad-dejta tal-Istati Membri relatati mal-abbuż tat-tfal u anke*** ta' metodi komuni u metodi ta' ħidma.

Or. es

Ġustifikazzjoni

Hemm bżonn ta' bażi tad-data komuni, li tinsilet mill-bażijiet tad-data nazzjonali, sabiex ikun hemm istrument aħjar biex jiġu miġġielda d-delitti kontra minorenni permezz tal-internet.

Emenda 28
Renate Weber

Proposta għal deċiżjoni
Anness I - Azzjonijiet - Sezzjoni 2 - paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. It-tqanqil ta' l-involviment tat-tfal u ż-	3. It-tqanqil ta' l-involviment tat-tfal u ż-

żgħażagħ fil-ħolqien ta’ ambjent aktar sikur fuq l-internet. L-azzjonijiet se jimmiraw li jinvolvu lit-tfal u liż-żgħażagħ bil-għan li jinftiehmu aħjar il-perspettivi u l-esperjenzi tagħhom dwar l-użu tat-teknoloġiji online u dwar kif jiġi promoss ambjent aktar sikur għat-tfal fuq l-internet.	żgħażagħ fil-ħolqien ta’ ambjent aktar sikur fuq l-internet. L-azzjonijiet se jimmiraw li jinvolvu lit-tfal u liż-żgħażagħ bil-għan li jinftiehmu aħjar il-perspettivi u l-esperjenzi tagħhom dwar l-użu tat-teknoloġiji online u dwar kif jiġi promoss ambjent aktar sikur għat-tfal fuq l-internet. ***Dan l-involviment għandu jiġi eżerċitat regolarment fil-qafas ta' attivitajiet bħall-Forum Ewropew dwar id-Drittijiet tat-Tfal, il-Forum għal Internet aktar Sikur u oħrajn.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-programm għandu jagħmel użu tal-oqfsa ta' diskussjoni eżistenti, madankollu dan m'għandux jeskludi l-ħolqien ta' suriet ta' djalogu oħra li jwasslu għat-tisħiħ tal-involviment tat-tfal u ż-żagħżagħ fil-ħolqien ta' ambjent online aktar sikur.

Emenda 29
Roberta Angelilli

Proposta għal deċiżjoni
Anness I - Azzjonijiet - Sezzjoni 3 - Introduzzjoni

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-attivitajiet se jkunu mmirati lejn it-tkabbir tal-kuxjenza tal-pubbliku, b’mod partikolari tat-tfal, tal-ġenituri, ta' dawk li jieħdu ħsiebhom, u ta' l-edukaturi, dwar l-opportunitajiet u r-riskji marbutin ma’ l-użu tat-teknoloġiji online u l-mezzi biex wieħed jibqa’ sikur fuq l-internet. L-azzjonijiet ġenerali ewlenin li huwa ppjanat li jittieħdu huma:	L-attivitajiet se jkunu mmirati lejn it-tkabbir tal-kuxjenza tal-pubbliku, b’mod partikolari tat-tfal, tal-ġenituri, ta' dawk li jieħdu ħsiebhom, u ta' l-edukaturi, dwar l-opportunitajiet u r-riskji marbutin ma’ l-użu tat-teknoloġiji online u l-mezzi biex wieħed jibqa’ sikur fuq l-internet. ***L-istrumenti ta' informazzjoni għandhom ikunu disponibbli f'verżjonijiet multilingwali.*** L-azzjonijiet ġenerali ewlenin li huwa ppjanat li jittieħdu huma:

Or. it

Ġustifikazzjoni

Hemm bżonn ta' aktar informazzjoni anke fost il-popolazzjoni immigrata espost għal riskji għoljin li taqa' vittma tal-pedopornografija.

Emenda 30
Iliana Malinova Iotova

Proposta għal deċiżjoni
Anness I - Azzjonijiet - Sezzjoni 3 - paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-ħolqien tal-kuxjenza pubblika u t-tixrid ta' l-informazzjoni dwar l-użu aktar sikur tat-teknoloġiji online. L-attivitajiet se jippromwovu l-kuxjenza pubblika billi jipprovdu informazzjoni xierqa dwar il-possibbiltajiet, ir-riskji u l-modi kif jiġu ttratati b'mod ikkoordinat ma' l-Ewropa kollha. L-attivitajiet se jħeġġu mezzi effettivi f'termini ta' nfiq li permezz tagħhom jixxerred it-tagħrif ta' kuxjenza lil għadd kbir ta' utenti.	*1.* Il-ħolqien tal-kuxjenza pubblika u t-tixrid ta' l-informazzjoni dwar l-użu aktar sikur tat-teknoloġiji online. L-attivitajiet se jippromwovu l-kuxjenza pubblika billi jipprovdu informazzjoni xierqa dwar il-possibbiltajiet, ir-riskji u l-modi kif jiġu ttratati b'mod ikkoordinat ma' l-Ewropa kollha. L-attivitajiet se jħeġġu mezzi effettivi f'termini ta' nfiq li permezz tagħhom jixxerred it-tagħrif ta' kuxjenza lil għadd kbir ta' utenti. ***Wieħed mill-mezzi biex titqajjem kuxjenza pubblika għandhom ikunu ktejbiet pedagoġiċi żgħar informattivi, miktubin b'mod ċar u li jinkludu tpinġijiet spjegattivi sabiex ikunu jistgħu jinqraw u jinftehmu faċilment mit-tfal.***

Or. fr

Ġustifikazzjoni

Hu importanti li t-tfal ikollhom għad-dispożizzjoni tagħhom appoġġ pedagoġiku, faċli biex jinqara u divertenti, li jittratta l-perikli preżenti fit-teknoloġiji ta' komunikazzjoni. Il-programmi edukattivi u soċjali tal-Istati Membri jinkludu dejjem aktar dokumentazzjoni ta' dan it-tip, li tittratta suġġetti, bħas-sigurtà fit-toroq pereżempju, li jgħinu liż-żgħażagħ u lit-tfal biex jevitaw riskji potenzjali.

Emenda 31
Renate Weber

Proposta għal deċiżjoni
Anness I - Azzjonijiet - Sezzjoni 3 - paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-għoti ta' punti ta' kuntatt fejn il-ġenituri u t-tfal jistgħu jirċievu t-tweġibiet għall-mistoqsijiet dwar kif jibqgħu sikuri fuq l-internet. L-attivitajiet se jkunu mmirati li jagħtu s-setgħa lill-utenti jagħmlu għażliet infurmati u responsabbli billi jipprovdulhom pariri dwar informazzjoni rilevanti u l-prekawzjonijiet li għandhom jieħdu biex jibqgħu sikuri fuq l-internet.	2. L-għoti ta' punti ta' kuntatt ***u hotlines*** fejn il-ġenituri u t-tfal jistgħu jirċievu t-tweġibiet għall-mistoqsijiet dwar kif jibqgħu sikuri fuq l-internet. L-attivitajiet se jkunu mmirati li jagħtu s-setgħa lill-utenti jagħmlu għażliet infurmati u responsabbli billi jipprovdulhom pariri dwar informazzjoni rilevanti u l-prekawzjonijiet li għandhom jieħdu biex jibqgħu sikuri fuq l-internet.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-Hotlines huma għodda ta' kommunikazzjoni effiċjenti li jipprovdu informazzjoni u assistenza ta' malajr u għalhekk l-użu tagħhom għandu jitħeġġeġ fl-ambitu tat-tqajjim ta' kuxjenza għal internet aktar sikur.